# Ir-raħal tal-Mosta fl-ewwel snin tas-seklu sbatax

*minn Rachel Bellia B.Ed. (Hons)*

[illegible]

**Wara** l-Assedju l-Kbir, il-popolazzjoni ta' Malta dehret li kienet qiegħda tiżdied billi twaqqfu parroċċi ġodda, bħal pereżempju ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta (1571), u l-parroċċi ta' l-Isla, Bormla, San Pawl il-Belt — mwaqqfa fl-1581, 1584 u 1585 rispettivament. L-ewwel nofs is-seklu sbatax ra ukoll it-twaqqif ta' parroċċi oħra, waħda minnhom tal-Mosta (1608) u Ħal Għargħur (1610). L-isetss ġara f'Għawdex. Għalhekk fi tmiem is-seklu sbatax f'Malta kien hemm disgħa u għoxrin parroċċa u tmienja f'Għawdex.

Id-data tas-16 ta' Settembru, 1608 kienet waħda importanti għan-nies tar-raħal tal-Mosta, għax wara li l-Isqof Tumas Gargallo żar ir-raħal iddeċieda li l-Mosta ssir parroċċa. Carmel Calleja jikkwota minn dokument bid-data tas-16 ta' Settembru, 1608, *Dismembratio Casalis Musta Diocesis Melivetane*, jagħti r-raġunijiet għaliex il-Mosta saret parroċċa:

(i) il-kappillan tan-Naxxar ma kienx kapaċi jlaħħaq mal-amministrazzjoni tas-sagramenti f'dan ir-raħal,

(ii)l-irħula kienu mbegħdin minn xulxin biżżejjed li n-nies ma setgħux jikkomunikaw ma' xulxin, u għax ukoll minħabba l-istat ħażin tat-toroq,

(iii) il-popolazzjoni tal-Mosta baqgħet kull ma jmur tiżdied u fl-1608 kienet ġa laħqet mija u tmenin familja b'disa' mitt ruħ. Prova li l-popolazzjoni kienet żdiedet hu l-fatt li l-Ordni ta' San Ġwann kienet tat

➥ ikompli paġna 24


# BUSUTTIL ENTERPRISES LTD

*The engine Cooling System Specialists*

Triq in-Naġġar, Mosta MST 03, Malta Tel: 413151 Fax: 434607

e-mail: bel@global.net.mt www.bel-Malta.com

- Complete Original & After Sales Radiators for Japanese, European, American Cars etc.
- Heavy Plant, Earth Moving Equipment, Commercial, Industrial Vehicle Radiators & Cores. Also solder dipped.
- Radiator Spares such as: Iron, Aluminium, Brass, Plastic Radiator Tanks - Sides etc.
- Aluminium, Stainless Steel & Titanium, Oil Coolers.
- After Coolers, Inter Coolers & Water Radiators for Plant, Compressors, Special Vehicles & Processes.
- Heater Batteries, Heat Recovery Units, Dryers & Heat Exchangers.
- Stainless Steel Shell & Tube Units.
- Serck Speed Oil Cooler Kits and Components.
- Air-conditioning Kits and Components.

**Some of the Services we offer:**

- Re-core Services — Aluminium Radiators ? Air-conditioning Condensers repairs.
- Electrolyses Track down Equipment.
- Blown Head Gaskets and Cracked Blocks Track down Equipment.
- Infrared Temperature Reading Equipment, etc.
- Repairs on Site (when possible).
- Now available a 'State of The Art' machine capable to flush the Engine Cooling System through out.

MOSTA RADIATORS



NOW AVAILABLE A "STATE OF ART" MACHINE CAPABLE TO FLUSH & DE-SCALE THE COOLING SYSTEM THROUGH OUT

MORRIS LUBRICANTS

The one stop place for all your Lubricants needs

# Ir-raħal tal-Mosta fl-ewwel snin tas-seklu sbatax

minn paġna 23

artijiet lil dawk in-nies li xtaqu jibnu dar f'dan ir-raħal. Grace Said tgħid fit-teżi tagħha tal-B.A. (Hons) *Daily Life in the Village of Mosta, 1600-1650* li aktarx li billi l-Mosta kienet għadha kemm saret parroċċa ħafna miżżewġin friski tħajru jiġu joqogħdu għal kollox fil-Mosta, u għax ukoll ir-raħal seta joffri protezzjoni ta' difiża minħabba l-qagħda vantaġġjuża tiegħu qrib is-swar ta' l-Imdina. Barra minn hekk, ir-raħal kien imdawwar b'ħafna art agrikola u aċċess għall-irħula tal-qrib fejn kienu jaħdmu l-Mostin, li kellhom in-negozju u f'każ ta' bżonn imorru l-qrati.

Fl-ewwel għaxar snin tas-seklu sbatax bdiet tinbena l-knisja parrokkjali tal-Mosta, fuq disinn ta' l-arkitett Tumas Dingli. Tlestiet fl-1614. Ħafna mir-residenti Mostin ikontribixxew b'mod ġeneruż għall-bini tat-tempju l-ġdid.

Ma jidhirx li ġraw avvenimenti li ħarbtu l-ħajja tar-raħal matul is-seklu sbatax. Barra mill-karestiji tal-1591 u l-1636, u l-pesta tal-1592-3, ma

ikompli paġna 25



Id-dfin tal-mejtin fiċ-ċimiterji li nfetħu apposta fi żmien l-epidemija tal-pesta




# Ir-raħal tal-Mosta fl-ewwel snin tas-seklu sbatax

minn paġna 24

nholqux ċirkustanzi oħra diffiċli. Fil-fatt lanqas il-pesta ma jidher li affettwat il-Mosta daqshekk bil-kbir. Aktarx li fil-Mosta ma kienx hemm tabib jew barbier-kirurgu, u għall-għajnuna medika l-Mostin kienu jiddependu minn irħula oħra, bħan-Naxxar. Mastru Andrea Schembri tabib Naxxari kien ta' spiss jiġi msejjaħ mill-irħula tal-qrib meta jinqala' l-mard. Fil-Mosta, Katarina Maiordina armla ta' sittin sena bil-laqam ta' 'It-Tirda', kienet magħrufa u ferm popolari biex tfejjaq, u meta l-kura medika ma kinetx tħalli effett in-nies kienu jmorru jitolbu l-għajnuna tagħha. Spiċċat mixlija mill-Inkwiżizzjoni għall-ħidma tagħha ta' fejqan.

Bejn l-1612 u l-1650 ġew iċċelebrati fil-Mosta 314-il żwieġ. Kien hemm fosthom dawk imsejħa bħala 't-tieni żwieġ' ta' dawk romol, jew ta' dawk li żżewġu għat-tieni darba. Il-biċċa l-kbira kienu bejn żgħażagħ tar-raħal, iżda żgħażagħ Mostin kienu wkoll jiżżewġu barra mir-raħal. Nafu li minn total ta' 204 żweġijiet li saru bejn l-1630-50, 83 kellhom żgħażagħ jgħixu barra mil-Mosta. 24 nisa Mostin iżżewġu rġiel min-Naxxar, għoxrin ħadu rġiel mir-Rabat. Dawn iż-żewġ irħula kienu ferm popolari man-nisa Mostin, aktarx għax l-irħula kienu viċin il-Mosta.

L-irġiel ukoll urew il-ħajra jiżżewġu nisa barra mir-raħal, speċjalment minn Ħal-Lija, Siġġiewi u Għawdex. Kien hemm każijiet fejn koppji ma tħallewx jiżżewġu għax kienu jiġu minn xulxin, jew għax xi ħadd minnhom kellu relazzjoni sesswali ma' qraba ta' l-għarus/a. Bejn l-1750 u l-1800, 18-il żwieġ ma sarx għax l-għarajjes kienu jiġu minn xulxin, 5 oħra minħabba relazzjonijiet sesswali mal-qraba ta' l-għarus/a. Barra minn hekk, billi ħafna kienu jmutu qasir il-għomor, it-tieni żwieġ kien komuni. Id-dokumenti taż-żwiġijiet fil-Mosta juri li n-nisa, bejn wieħed u ieħor, kienu jiżżewġu ta' erbgħa u għoxrin sena. Jissemmew żewġ każi li ġraw fl-1647 u l-1650 meta żewġ ibniet iżżewġu ta' 14-il sena. L-età ta' l-irġiel kienet ta' madwar 29 sena.

Bejn l-1612-29, fil-Mosta ġew mgħammdin 617-il tarbija, medja ta' 37.28 fis-sena. L-aktar numru ta' magħmudijet sar fis-sena 1630, total ta' 49, u l-anqas fl-1640 b'31. Hu kkalkulat li fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax il-familji kellhom tmien persuni. Kien hemm, iżda familji b'tifel wieħed, oħrajn b'sebgħa, tmienja, disgħa u aktar ukoll. Minħabba nuqqas ta' mediċina ħafna trabi kienu jmutu. Dawk it-trabi ċċertifikati li twieldu mejta, ma kenux jitniżżlu fil-kotba tat-twelid u ta' l-imwiet. Fl-ewwel ħamsin sena tas-seklu sbatax żewġt it-trabi biss ġew abbandunati. Ħallewhom qrib il-

ikompli paġna 26



# Ir-raħal tal-Mosta fl-ewwel snin tas-seklu sbatax

➡ minn paġna 25

knisja parrokjali, diffiċli tgħid kenux leġġittimi jew illeġittimi. Li kienu leġittimi, il-ġenituri tagħhom abbandunawhom minħabba l-faqar u l-livell baxx ta' l-għajxien.

Bejn l-1613 u l-1629 fil-Mosta mietu 41 ruħ, medja ta' 8.3 imwiet fis-sena. Fl-1628 mietu 16, waqt li fl-1618 u l-1621 persuna waħda hi rreġistrata bħala mejta. Bejn l-1630-50 mietu 250. Kienet drawwa li d-dfin isir fil-knisja. Iżda s-sinodu lokali fl-1703 iprojbixxa din l-użanza. L-ewwel ċimiterji f'Malta jmorru lura għas-sena 1529, saru fil-kampanja għall-vittmi tal-pesta. Hekk inbena iċ-ċimiterju ta' Santa Margerita, b'dak l-iskop.



Kif kien isir it-tqarbin tal-morda matul l-epidemija tal-pesta

Il-biċċa l-kbira tal-Mostin kienu jaqilgħu l-għaxjien tagħhom mix-xogħol tal-biedja. Parti żgħira kienu sajjieda, bil-ħwienet, impjegati mal-gvern u nies tas-sengħa. Il-bdiewa kienu jaħdmu u jrabbu l-bhejjem. Il-membri tal-familja kollha kienu jaħdmu fl-għelieqi qrib ir-razzett tagħhom. L-irġiel, in-nisa tagħhom u l-ulied il-kbar kienu jagħmlu x-xogħol iebes, iż-żgħar jieħdu ħsieb il-bhejjem. Min ma kellux l-art tiegħu, kienu jagħmlu xogħol għal ħaddieħor fil-ġonna jew fl-għelieqi. Barra minn hekk, uħud kienu jaħdmu wkoll bħala bennejja, fil-ħwienet, ħaddiema tas-sengħa u m'humiex. In-nies tal-Mosta kienu jinqalgħu hafna bħala bennejja. Fil-fatt il-knejjes ta' Wejda (1610), ta' San Anton Abbati (1657), ta' San Silvestru (1657) u tal-Kunċissjoni (1658) kollha reġgħu ġew mibnija mill-Mostin. Id-djar u l-ġodda li telgħu għax il-popolazzjoni bdiet tiżdied inbnew ukoll mill-Mostin. Uħud kienu jfittxu xogħol barra r-raħal. Uħud kienu mpjegati fil-piraterija, mar-riġment u x-xwieni ta' l-Ordni u fil-militar.

Bejn l-1630-50 l-aktar isem komuni kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet kienu Domenico, 75 wieħed, Maria (Marietta u Mariettina) b'84. Ismijiet komuni għas-subien u l-bniet kienu Gio Maria, Caterina u Domenica. L-aktar kunjomijiet komuni fid-dokumenti huma Galia (144) u Fenech (106). Oħrajn komuni kienu Sammut, Borg, Sceberras, Portelli, Agius, Vassallo, Busuttil, Camilleri, Abela u oħrajn. Uħud mill-kunjomijiet bħal Sant u German jidhru fid-dokumenti tan-Naxxar tal-1546-1600, mhux ta' nies li joqogħdu fil-Mosta. Dan jista' jfisser li dawk li kunjomhom jidhru fid-dokument tal-Mosta wara l-1650 kienu qabel joqogħdu n-Naxxar jew l-Għargħur.

Il-popolazzjoni tal-Mosta bdiet tiżdied mill-1608. Jidher li l-Mostin kienu nies kwieti, devoti, rari qanqlu inkwiet u offiżi kriminali.

(silta: **Naxxar 1550-1650** — A Demographic Study) ■


